## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 25/2019

**3 ta' Awwissu 2019**

## Il-Gvern jikkommetti għal twettieq ta' riformi kbar fis-settur tal-industrija tal-kostruzzjoni

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

L-Avviż Legali 136 ta' l-2019 dwar l-Evitar ta' Ħsara għall-Proprjeta' ta' Terzi ġie fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2019. Dan ġie emendat permezz ta' l-Avviż Legali 180 ta' l-2019, li ġie fis-seħħ fid-29 ta' Lulju 2019, u li neħħa l-obbligu tal-perit tal-proġett li japprova l-Uffiċjal Tekniku fuq is-Sit (*Site Technical Officer*) appuntat mill-kuntrattur, kif ukoll wessa' l-kompentenzi meħtieġa biex persuni jipprovdu dan is-servizz, u li llum jinkludi lil dawk li għandhom Baċellerat fl-Inġinerija.

Fil-perjodu bejn il-pubblikazzjoni taż-żewġ Avviżi Legali, il-Kunsill tal-Kamra tal-Periti ħadem bla heda sabiex jiżgura li l-interessi tal-professjoni jkunu salvagwardjati, u li s-sigurta' tal-pubbliku tiġi l-ewwel. B'mod partikulari, ta' min jinnota li l-oġġezzjonijiet primarji tal-Kamra għall-Avviż Legali kienu fil-kuntest tal-fatt li l-periti huma l-uniċi persuni fuq is-siti tal-kostruzzjoni li huma rregolati, filwaqt li l-atturi l-oħra joperaw mingħajr ebda tip ta' regolamentazzjoni, tant li fil-kliem stess tal-Kamra, l-industrija kienet waslet fi stat ta' kriżi.

Minkejja li l-Avviż Legali kif emendat jirrifletti biss żewġ tibdiliet mressqa mill-Kamra, kien hemm progress sinifikanti fuq numru ta' prinċipji iktar wiesa' u importanti, u li għandhom impatt fuq l-industrija, u li fuqhom il-Gvern hu kommess permezz ta' *Letter of Commitment* ppreżentata lill-Kamra tal-Periti lbieraħ.

Il-Gvern huwa kommess li tiġi stabbilita Awtorita' biex tirregola l-industrija tal-bini u tal-kostruzzjoni, u li dan ser jinkludi qafas ġdid ta' regolamenti tal-bini u tal-kostruzzjoni li b'mod ġenerali jsegwu l-proposti li ppublikat il-Kamra f'Mejju li għadda. Dan ser iseħħ ukoll flimkien mar-reġistrazzjoni, liċenzjar u klassifikazzjoni tal-kuntratturi u tal-ħaddiema fuq is-siti tal-kostruzzjoni, u dan ukoll skond il-proposti tal-Kamra, biex b'hekk jiġi żgurat li r-responsabbiltajiet jintrefgħu b'mod iktar ekwu bejn il-professjonist u l-kuntrattur, skond ma jipprovdi l-Kodiċi Ċivili. Ir-regolamenti l-ġodda ser jiddefinixxu b'mod ċar ir-responsabbiltajiet ta' kull persuna fuq sit tal-kostruzzjoni, u sakemm dawn jidħlu fis-seħħ il-Kamra ser toħroġ qafas kuntrattwali li jistgħu jintużaw mill-periti. Ir-regolamenti l-ġodda ser jindirizzaw ukoll it-termini ta' responsabbilta' u obbligi sabiex dawn jkunu jirriflettu mudelli eżistenti fl-Ewropa.

Il-Gvern ikkommetta ruħu wkoll li jpoġġi għall-proċess Parlamentari, malli jerġa' jiftaħ wara l-vaganzi tas-sajf, l-emendi għall-Att dwar il-Periti li jirregola l-professjoni. Dawn l-emendi ilhom jiġu diskussi ma' gvernijiet sussegwenti mill-2007, u issa hemm konverġenza fuq ħafna mill-emendi proposti. Il-Kamra tal-Periti tħares il-quddiem sabiex jiġu konklużi d-diskussjonijiet skond id-direzzjoni li taw il-membri tal-professjoni f'diversi Laqgħat Ġenerali matul is-snin, u li din il-materja tiġi konkluża b'suċċess.

Fir-rigward ta' l-Avviż Legali 136 ta' l-2019, kif emendat, hemm qbil fuq numru ta' aspetti, inkluż li jkun hemm reġistru li ser ikun ippubblikat mill-Uffiċċju tar-Regolament tal-Bini, ta' persuni li huma kompetenti

biex jipprovdu s-servizz ta' Uffiċjal Tekniku fuq is-Sit, li jiġu emendati l-formularji li jridu jiġu sottomessi lill-istess Uffiċċju biex jirriflettu l-Avviż Legali kif emendat u l-proċessi maqbula bejn il-Gvern u l-Kamra, u l-integrazzjoni tal-provvedimenti tal-Avviż Legali f'regolamenti ġodda li ser jiġu ppublikati taħt l-Att li ser jistabbilixxi l-Awtorita' l-ġdida.

Il-Kamra tal-Periti tinnota b'sodisfazzjon li l-mozzjonijiet approvati mill-Laqgħat Ġenerali Straordinarji tal-21 ta' Ġunju 2019 u tal-5 ta' Lulju 2019 kienu indirizzati kważi kollha, u li issa hemm impenn bil-miktub min-naħa tal-Gvern sabiex jiġu implimentati riformi importanti fis-settur. Il-Kunsill tal-Kamra tal-Periti hu konvint li hemm l-impenn politiku biex isseħħ riforma ħolistika ta' l-industrjia, u dan kif indikat fid-dokument tal-Kamra "*A Modern Building and Construction Regulation Framework for Malta*" li kien ippublikat f'Mejju 2019, u li ġa hemm qbil dwaru ma' diversi *stakeholders* li ġew ikkonsultati mill-Kamra.

Il-Gvern wera b'mod ċar li rrikonoxxa li riforma fis-settur tal-kostruzzjoni mhux biss hija neċessarja iżda wkoll desiderabbli sabiex l-industrija timxi 'il quddiem b'mod sostenibbli. Minkejja li l-*Letter of Commitment* hija ndirizzata lill-Kamra tal-Periti, dan huwa impenn lejn l-atturi kollha fl-industrija, inkluż il-pubbliku in ġenerali. Il-Kamra tħares il-quddiem sabiex tkun parteċipanta primarja f'dawn ir-riformi li ser jiġu fis-seħħ fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

**Noti għall-istampa:**

- Ċirkulari 11/19 li telenka l-progress fuq il-punti diskussa: LINK
- *Letter of Commitment*: LINK